Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2165(DEC)

15.1.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2165(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Petri Sarvamaa

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom)

[1] ĠU C, C/2023/594, 27.10.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2165(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha[1], il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) ("l-Aġenzija:) għas-sena finanzjarja 2022 kien ta' EUR 351 630 151, li jirrappreżenta żieda ta' 62,41 % meta mqabbel mal-2021; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kważi esklużivament derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi ż-żieda fil-baġit tal-Aġenzija għall-2022 hija prinċipalment ġustifikata mill-kompiti addizzjonali tal-Aġenzija b'rabta mat-tmexxija tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġodda u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT;

C. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha (ir-"rapport tal-Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022 tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rigward tad-dħul huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; billi l-Qorti identifikat ammont totali ta' pagamenti ta' EUR 17,8 miljun li saru fl-2022 li minnhom EUR 10,9 miljuni għal ħlasijiet marbuta ma' tliet kuntratti speċifiċi misjuba irregolari u EUR 6,8 miljuni li qieset li kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratti qafas assoċjati, li b'kollox jirrappreżentaw 4,80 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2022, u b'hekk jaqbżu l-limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu u jirriżultaw f'opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet; billi, ħlief għal dawk il-pagamenti mhux konformi, il-Qorti tikkonkludi li t-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rigward tal-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2022 irriżultaw

[1] ĠU C 38, 31.1.2023, p. 103.

f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 91.13 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 8,87 % meta mqabbla mal-2021; barra minn hekk, jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 86,71 %, li tfisser tnaqqis ta' 7,94 % meta mqabbel mal-2021;

2. Jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li l-Aġenzija kienet ittrasferiet EUR 14,4 miljun (23 %) ta' approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli fl-2022 għall-2023, filwaqt li dak l-ammont kien jinkludi EUR 13,7 miljun (jew 95 %) ta' approprjazzjonijiet taħt it-Titolu II, relatati man-nefqa amministrattiva (97 % fl-2021); josserva r-rikorrenza ta' riporti ta' approprjazzjonijiet li jwassal lill-Qorti biex tfakkar li rati għoljin rikorrenti ta' riporti jikkontradixxu l-prinċipju baġitarju ta' annwalità u huma indikattivi ta' kwistjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-baġit jew ippjanar baġitarju dgħajjef; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li fl-2022 twettqu riporti għal attivitajiet amministrattivi li kienu meħtieġa jew rikorrenti, li pprovdew serħan il-moħħ dwar ir-rispett tal-ġestjoni finanzjarja tajba għall-operazzjonijiet sottostanti; jinnota mir-rapport tal-Aġenzija fir-rigward tal-miżuri ta' segwitu meħuda fid-dawl tal-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021 (minn hawn 'il quddiem "Ir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija") li l-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni li jinkludi diversi miżuri implimentati mill-2023 bil-ħsieb li jirrispetta l-prinċipju ta' annwalità u li jitnaqqas il-livell ta' riporti; jinnota f'dan il-kuntest li l-iffirmar fir-raba' trimestru tal-2023 tal-kuntratt qafas il-ġdid għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ estern huwa essenzjali biex jintlaħqu dawk l-objettivi; jistenna li l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ta' azzjoni se twassal għal titjib sinifikanti u jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dak ir-rigward;

Prestazzjoni

3. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tuża ċerti għodod bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud li jirriżulta mill-attivitajiet tagħha u ttejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; jinnota li l-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2022 kien jinkludi 135 attività, b'90 attività lesti (67 %), 16 għaddejjin (12 %), 20 għaddejjin u mdewma (15 %), u 9 attivitajiet posposti (7 %); jinnota l-approċċ il-ġdid tal-Aġenzija li bih l-attivitajiet tagħha ġew issimplifikati f'portafolli u programmi biex jirriflettu l-mudell operattiv tal-Aġenzija u l-interdipendenzi bejn proġetti u attivitajiet; jistieden lill-Aġenzija tidentifika u tirrapporta dwar it-titjib miksub b'dak l-approċċ il-ġdid;

4. Ifaħħar il-fatt li l-Aġenzija adottat id-dokumenti ta' programmazzjoni korporattiva statutorji u r-rapporti korporattivi obbligatorji kollha, f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u fi ħdan l-iskadenzi legali, bħad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2023-2025; jinnota li l-Aġenzija adottat ukoll pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija biex tallinja l-objettivi operazzjonali strateġiċi tagħha u biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021-2027; jinnota wkoll l-isforzi tal-Aġenzija biex ittejjeb il-proċessi ta' ppjanar pluriennali u annwali tagħha permezz ta' għodda ġdida (Anaplan); jinnota li l-Aġenzija użat il-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF) biex tanalizza s-saħħiet u d-dgħufijiet tagħha li wasslu għall-preżentazzjoni f'April 2022 ta' Rapport ta' AwtoValutazzjoni bi pjan ta' azzjoni biex iservi l-pjan direzzjonali li jiddettalja l-prijoritajiet tal-Aġenzija għall-iżvilupp operattiv; jinnota li l-Aġenzija applikat għat-tikketta ta' "Utent effettiv tas-CAF";

5. Jilqa’ l-appoġġ kontinwu tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma tal-moviment liberu tal-persuni u l-merkanzija, il-viża għall-ivvjaġġar komuni, il-kontroll tal-fruntieri, l-immigrazzjoni u l-asil, kif ukoll fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, inkluż fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin, u t-terroriżmu; jistenna kontribut sinifikanti tal-Aġenzija għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja sabiex titjieb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Unjoni u jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni;

6. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Aġenzija fl-iżgurar ta’ ħaddim stabbli u disponibbiltà kontinwa, kif ukoll l-evoluzzjoni u ż-żamma tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-Unjoni dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) bħas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS), is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-bażi tad-data tad-Dattiloskopija Ewropea ta’ Persuni li Jfittxu l-Asil (Eurodac); ifakkar li dawk is-sistemi huma kritiċi fl-oqsma tal-kontroll tal-fruntieri u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, l-assigurazzjoni tal-viża u l-kontrolli u l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-asil; jinnota li fl-2022, esklużi xi inċidenti li rriżultaw f’indisponibbiltà u dewmien għal żmien qasir, is-sistemi tan-negozju ewlenin kollha kkonformaw mal-ftehimiet rispettivi tagħhom dwar il-livell tas-servizz, bid-disponibbiltà tas-SIS ta’ 99,94 %, il-VIS b’99,69 %, u l-Eurodac b’99,88 %;

7. Ifaħħar id-dħul fis-seħħ tas-SIS imġedda f’Marzu 2023 (pospost minn Novembru 2022); jinnota l-progress li sar, madankollu b’dewmien f’diversi livelli, fir-rigward tal-analiżi, id-disinn, l-iżvilupp u/jew l-ittestjar tas-sistemi l-ġodda tal-ĠAI, jiġifieri s-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi (ECRIS-TCN), kif ukoll rigward l-integrazzjoni ta’ dawk is-sistemi, inkluż is-servizz kondiviż ta’ tqabbil bijometriku; jinnota wkoll li 947 trasportatur (kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Unjoni) u 54 fornitur tas-software għal trasportatur irreġistraw mal-Aġenzija jew applikaw għar-reġistrazzjoni sabiex jistabbilixxu konnessjonijiet minn sistema għal oħra għall-EES u l-ETIAS; ifaħħar f’dan il-kuntest l-organizzazzjoni tad-diskussjoni madwar mejda tal-industrija bit-titlu “EES, ETIAS and Carriers Getting Ready for the Entry into Operation” (EES, ETIAS u t-Trasportaturi Jlestu Biex Jibdew Joperaw) u r-reġistrazzjoni tat-trasportaturi u l-kampanja ta’ għarfien biex jiżdied l-għarfien u tingħata spinta lir-reġistrazzjoni; jirrikonoxxi li l-VIS għaddejja minn bidliet kbar f’konformità mar-Regolament VIS rivedut; jinnota f’dan il-kuntest li fl-2022 l-Aġenzija nediet żewġ proġetti (VIS Rivedut u interoperabbiltà tal-VIS) li jistrutturaw l-evoluzzjoni tal-VIS;

8. Jinnota wkoll il-progress li sar fir-rigward tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà (IO) li se tintegra s-sistemi kollha tal-informazzjoni ġestiti mill-Aġenzija sabiex jitjiebu l-iskambju tal-informazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji madwar l-Unjoni; jinnota f’dan il-kuntest, mir-Rapport Annwali Konsolidat ta’ Attività (CAAR) tal-Aġenzija tal-2022, li filwaqt li l-Aġenzija baqgħet impenjata li twassal dawk is-sistemi ġodda, l-effetti ta’ xkiel tal-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, flimkien mad-diffikultajiet ta’ xi wħud mill-kuntratturi tal-Aġenzija biex jimxu mal-iskedi ta’ implimentazzjoni, irriżultaw f’dewmien li kienu jeħtieġu r-rieżami u r-reviżjoni tal-pjan oriġinali; jinnota li tali dewmien, b’mod partikolari fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tas-sistema ċentrali tal-EES, pedament tal-arkitettura tal-

interoperabbiltà, kellu impatt immedjat (“effett domino”) fuq il-puntwalità u l-eżekuzzjoni tal-proġetti interkonnessi kollha; jinnota mir-rapport ta’ segwitu tal-Aġenzija l-miżuri meħuda biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni billi tapprova strateġija ġdida għall-implimentazzjoni tal-EES, l-approċċ tal-prodott minimu vijabbli u Pjan Direzzjonali tal-Interoperabbiltà ġdid, bir-reviżjoni sħiħa tal-kalendarju tal-IO magħmul minn numru ta’ mewġ li għandu l-għan li jwassal il-komponenti tal-Arkitettura tal-Interoperabbiltà b’rilaxxi intermittenti kull 6-9 xhur li jkopru sal-2026; jinnota mid-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tad-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija li l-iskedi ta’ żmien estiżi għad-dħul fl-operat tal-programm EES x’aktarx li jkollhom impatt fuq ir-riżorsi meħtieġa biex jitlesta l-iżvilupp;

9. Jinnota li l-Aġenzija kompliet tippreżenta diversi objettivi statutorji oħra relatati mill-qrib, bħal taħriġ għall-Istati Membri dwar l-użu ta’ sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI, it-tħejjija ta’ rapporti statutorji dwar il-prestazzjoni teknika tagħhom, statistika annwali u listi ta’ awtoritajiet maħtura; ifaħħar f’dan il-kuntest li fl-2022 l-Aġenzija tellgħet 48 attività ta’ taħriġ li laħqu aktar minn 3 000 parteċipant, aġġornat il-pjattaforma ta’ tagħlim elettroniku tagħha u ffinalizzat il-Pjan Direzzjonali għat-Taħriġ tal-Istati Membri tagħha u l-pjan ta’ azzjoni assoċjat; jinnota wkoll li l-Aġenzija kompliet tespandi r-rwol tagħha fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE billi bdiet it-tħejjijiet għall-akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX (pjattaforma li tiffaċilita proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri permezz ta’ trażmissjoni sigura ta’ informazzjoni), ippubblikat rapport dwar kif id-diġitalizzazzjoni tal-ivvjaġġar internazzjonali se jaffettwa lill-vjaġġaturi diretti lejn l-Unjoni, u hija ko-awtur ta’ rapport mal-Eurojust dwar l-użu ta’ soluzzjonijiet ta’ intelliġenza artifiċjali biex jappoġġjaw il-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġustizzja kriminali;

Effiċjenza u kisbiet

10. Jinnota mir-rapport ta’ segwitu tal-Aġenzija, is-CAAR, it-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament, kif ukoll mir-rapport tal-Qorti l-miżuri li ħadet biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni ambjentali tagħha, inkluż fir-rigward tal-objettivi tan-newtralità klimatika; jinnota f’dan il-kuntest li fl-2022 l-Aġenzija bdiet timplimenta gradwalment is-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tagħha stess (MES), ibbażata fuq il-prinċipji tal-EMAS u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni u adottat il-politika ambjentali tagħha; jinnota li l-implimentazzjoni sħiħa tal-EMS u, konsegwentement, ir-reġistrazzjoni tal-EMAS huma previsti li jintlaħqu sal-2024; jilqa’ l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fin-Network ta’ Ekoloġizzazzjoni tal-EUAN li joffri l-opportunità li wieħed jibbenefika minn materjali minn Aġenziji oħra b’aktar esperjenza fl-implimentazzjoni tal-EMAS; jinnota wkoll li l-Aġenzija tuża kriterji ta’ akkwist pubbliku ekoloġiku f’oqsma tan-negozju bħall-ġestjoni tal-faċilitajiet, proġetti ta’ hardware u infrastruttura u proġetti tal-IT; ifaħħar lill-Aġenzija għar-rapportar dwar il-prestazzjoni ambjentali tagħha permezz ta’ KPI li jindika l-impronta tal-karbonju tal-Aġenzija; jinnota li l-linja bażi għall-indikaturi volumetriċi għall-ilma, l-enerġija, il-konsum tal-karta u l-produzzjoni tal-iskart se tiġi stabbilita fl-2023 biex tintuża għall-kalkolu u l-evalwazzjoni ta’ dawk l-indikaturi minn dakinhar ’il quddiem;

11. Jinnota mit-tweġibiet bil-miktub tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet orizzontali tal-Parlament li l-Aġenzija kkonkludiet Ftehimiet dwar il-Livell ta’ Servizz (SLA) ma’ diversi Aġenziji biex jipprovdu appoġġ fi kwistjonijiet ta’ kontinwità tal-operat, kif

ukoll żiedet l-effiċjenza f'oqsma oħra ta' kooperazzjoni; jinnota f'dan il-kuntest li l-Aġenzija għandha SLAs mal-Frontex u l-EUAA biex tospita s-siti tagħhom ta' rkupru f'każ ta' diżastri u SLA annwali mal-Europol għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tas-Sigurtà tal-Europol u l-eu-LISA; jistieden lill-Aġenzija tkompli l-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi kollha disponibbli; ifaħħar lill-Aġenzija għall-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) permezz ta' SLA li jkopri servizzi ta' appoġġ offruti mill-ENISA dwar l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-evalwazzjoni ta' eżerċizzji annwali taċ-ċibersigurtà;

12. Jinnota li fi Frar 2022, l-Aġenzija adottat Strateġija ta' Akkwist biex tiċċara u tarmonizza l-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha sabiex tottimizza l-użu tar-riżorsi, b'mod partikolari biex tibbilanċja l-kompożizzjoni ġenerali tar-riżorsi umani tal-Aġenzija (jiġifieri s-sehem tal-persunal intern għal fornituri esterni tas-servizz); jinnota wkoll li l-Aġenzija kisbet kisbiet fl-effiċjenza bl-użu ta' listi ta' riżerva eżistenti maħluqa matul proċeduri ta' għażla preċedenti u profili raggruppati u listi ta' riżerva itwal biex ikopru diversi karigi fi ħdan proċedura waħda ta' reklutaġġ;

13. Ifaħħar lill-Aġenzija għall-progress li sar fl-2022 lejn id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tagħha; jinnota fil-qasam tar-riżorsi umani li l-Aġenzija implimentat moduli SYSPER ġodda (ir-rapportar tal-HR u l-ATS); jinnota fil-qasam tal-akkwist li l-Aġenzija saret familjari mal-Għodda ta' Ġestjoni tal-Akkwist Pubbliku (PPMT) u r-rekwiżiti tagħha sabiex tissodisfa l-prerekwiżiti tal-inkorporazzjoni li tlestew b'suċċess fl-2023; jinnota li l-Aġenzija tapplika l-modulu eSubmission għal sejħiet għall-offerti ta' aktar minn EUR 15 000; jinnota wkoll li l-firma fiżika mill-offerenti twaqqaf minn meta kien introdott dak il-modulu; jistieden lill-Aġenzija żżid l-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-PPMT; jinnota fl-aħħar nett li fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, l-Aġenzija diġitalizzat is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet obbligatorji jew it-talbiet biex jiġu implimentati r-regoli rilevanti;

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li, sal-31 ta' Diċembru 2022, 89,3 % tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija kien ġie eżegwit, u kienu nħatru 192 aġent temporanju (193 fl-2021) minn total ta' 215-il aġent temporanju awtorizzat fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 213 postijiet tax-xogħol awtorizzati fl-2021); jinnota li, barra minn hekk, fl-2022 ħadmu għall-Aġenzija 121 aġent kuntrattwali (CA) u 11-il espert nazzjonali sekondat (SNEs), minn 167 CA u 11-il SNE awtorizzati; jinnota li n-numru ta' postijiet ta' CA bbaġitjati żdied b'35, minn 132 għal 167, minħabba l-awtorizzazzjoni tal-baġit għall-kompiti l-ġodda fdati lill-Aġenzija (VIS riveduta, ETIAS, u Interoperabbiltà); jinnota li minkejja l-isforzi tal-Aġenzija, id-dawran tal-persunal żdied minn 5,5 % fl-2022 għal 7,1 % fl-2022 u r-rata ta' okkupazzjoni niżlet għal 82 %, inqas mill-mira tal-Aġenzija ta' 94 %, b'mod partikolari minħabba n-numru ta' karigi ta' żmien qasir u ta' grad aktar baxx li l-Aġenzija għandha x'toffri;

15. Jinnota bi tħassib il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri u dak medju tal-Aġenzija fir-rigward tal-ġeneru bi 12-il raġel (86 %) u żewġ nisa (14 %), tal-bord tat-tmexxija b'50 raġel (82 %) u 11-il mara (18 %), u fi ħdan il-persunal inġenerali b'209 irġiel (67 %) u 101 mara (33 %); jinnota mir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija li l-Aġenzija

qed tkompli bl-isforzi biex ittejjeb il-bilanċ ġenerali tagħha bejn il-ġeneri billi tiffoka fuq il-komunikazzjoni u fuq il-proċeduri ta' reklutaġġ biex tattira numru akbar ta' applikanti nisa; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fl-2022 fil-fiera globali online tal-karrieri "Women in Tech"; jilqa' wkoll il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, biex b'hekk jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' tmexxija għolja; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha permezz ta' azzjonijiet konkreti li jattiraw applikazzjonijiet minn nisa għal karigi offruti mill-Aġenzija;

16. Ifaħħar lill-Aġenzija għall-isforzi tagħha fil-qasam tar-riżorsi umani (HR) li tistinka biex tattira ġabra diversa ta' kandidati, biex tpoġġi lill-Aġenzija bħala impjegatur tal-għażla u biex iżżomm persunal b'talent; jinnota f'dan il-kuntest li, fl-2022, l-Aġenzija rrappreżentat in-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) fil-fiera tal-karrieri virtwali għall-Organizzazzjonijiet Internazzjonali u intensifikat l-attivitajiet tagħha dwar ir-Reputazzjoni ta' Min Iħaddem permezz ta' kampanji ddedikati bħal testimonjanzi tal-membri tal-persunal fil-media soċjali; ifaħħar lill-Aġenzija talli nediet Programm Pilota ta' Mobbiltà Interna, immirat li jikkapitalizza fuq il-kompetenzi eżistenti tal-membri tal-persunal u li jrawwem tkabbir professjonali kontinwu fi ħdan l-Aġenzija għan-nies tagħha; jinnota f'dan il-kuntest li l-Aġenzija bdiet tiżviluppa l-istrateġija tagħha ta' ġestjoni tal-HR ibbażata fuq il-kompetenzi u tirrevedi l-qafas ta' kompetenza tagħha li se jkollha impatt fuq avviżi ta' postijiet vakanti u valutazzjonijiet tal-kandidati;

17. Ifaħħar il-politika ta' tolleranza żero tal-Aġenzija dwar il-fastidju; jieħu nota li, fl-2022, saru u ġew konklużi internament 3 inkjesti amministrattivi relatati mal-fastidju, b'każ addizzjonali meħud quddiem il-qorti; jistieden lill-Aġenzija tipproċedi malajr biex iżżomm responsabbli lil dawk li kienu ħatja ta' kondotta ħażina; jinnota li, mill-2022, l-Aġenzija ffirmat kuntratt ma' ditta legali esterna sabiex tkun tista' tittratta fil-pront domanda dejjem tikber għal inkjesti amministrattivi, inklużi dawk marbuta ma' fastidju sesswali u/jew psikoloġiku jew ma' kwistjonijiet dixxiplinarji oħra; jinnota li l-Aġenzija lestiet l-għażla tal-Konsulenti Kunfidenzjali l-ġodda, b'ħames konsulenti ġodda magħżula u mħarrġa biex jappoġġjaw lill-organizzazzjoni fil-promozzjoni ta' aktar rispett u dinjità fuq il-post tax-xogħol, lill-persunal li jfittex assistenza f'sitwazzjoni pperċepita bħala fastidju psikoloġiku jew sesswali;

18. Jinnota l-miżuri tal-Aġenzija biex ittejjeb l-esperjenza u l-benessri tal-impjegati tagħha; jinnota li nbeda programm tas-saħħa mentali għall-persunal u l-familji tagħhom, li jinkludi servizz ta' abbonament għall-kura personali, webinars u sessjonijiet ta' konsulenza individwali; jinnota li, wara deroga riċevuta b'antiċipazzjoni tad-deċiżjoni Mudell, l-Aġenzija ma applikatx b'analoġija d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħinijiet tax-xogħol u x-xogħol ibridu; jinnota li minn Settembru 2022, l-Aġenzija applikat deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv dwar arranġamenti ta' ħidma ibrida interim; jieħu nota li sadattant l-Aġenzija adottat Deċiżjoni Mudell fis-16 ta' Novembru 2023 b'data effettiva tal-1 ta' Jannar 2024; jinnota fl-aħħar nett, b'apprezzament, li l-Aġenzija adottat il-"Karta dwar id-diversità u l-inklużjoni";

Akkwist

19. Jenfasizza mir-rapport tal-Qorti l-osservazzjonijiet li wasslu għal opinjoni kwalifikata minħabba l-irregolarità ta' diversi pagamenti li saru fl-2022 għal total ta'

EUR 17,8 miljun b'rabta ma' seba' kuntratti speċifiċi, li jirrappreżentaw 4,8 % tal-approprjazzjonijiet tal-pagamenti disponibbli fl-2022; jinnota li l-irregolarità ta' dawk il-ħlasijiet hija prinċipalment marbuta ma' devjazzjonijiet mill-kuntratti qafas korrispondenti; jinnota mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament li l-irregolaritajiet fir-rigward tal-ħlasijiet li saru fl-2022 jistgħu jinġabru fi tliet kategoriji, jiġifieri: - emenda ta' kuntratti b'terminu fiss (EUR 6,5 miljuni); - estensjoni ta' kuntratti speċifiċi lil hinn mill-perjodu massimu permess (EUR 3,7 miljuni); - u nuqqas ta' dettalji dwar ir-rekwiżiti f'kuntratti speċifiċi (EUR 7,5 miljuni); jinnota li wħud minn dawk il-pagamenti irregolari, li jammontaw għal EUR 10,5 miljuni, huma relatati ma' tliet kuntratti speċifiċi li bbażati fuqhom saru wkoll pagamenti fl-2021 u nstabu irregolari mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-Unjoni għal dik is-sena; jinnota mid-dikjarazzjonijiet li saru mid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija waqt il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tad-29 ta' Novembru 2023 (minn hawn 'il quddiem "id-dikjarazzjonijiet tad-direttur eżekuttiv") li sitta mis-seba' kuntratti speċifiċi identifikati fir-rapport tal-Qorti skadew mingħajr ħlasijiet pendenti; jinnota mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti l-miżuri li ħadet biex tindirizzahom;

20. Jinnota bi tħassib serju li l-2022 kienet it-tielet sena konsekuttiva li għaliha l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata rigward l-akkwist tal-Aġenzija u l-qasam tal-ġestjoni tal-kuntratti; jinnota mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament, mir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija u mid-dikjarazzjonijiet tad-direttur eżekuttiv, il-pjan ta' azzjoni tal-Aġenzija għal rieżami fil-fond tal-proċessi tagħha sabiex jiġu identifikati u tneħħi l-kawżi fundamentali tal-osservazzjonijiet rikorrenti tal-Qorti f'dak il-qasam; jistenna għalhekk titjib dejjiemi bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ta' azzjoni, b'mod partikolari minħabba li sitta mis-seba' kuntratti speċifiċi meqjusa mill-Qorti bħala irregolari skadew mingħajr ħlasijiet pendenti;

21. Jenfasizza mir-rapport tal-Qorti li fl-2022, bħal fl-2021, l-Aġenzija għamlet ħlasijiet ibbażati fuq kuntratt speċifiku (ta' ammont ta' EUR 40 miljun) li ma implimentatx kif suppost il-kuntratt qafas assoċjat minħabba li ma speċifikatx id-dettalji tas-servizzi akkwistati (kwantitajiet, data tal-konsenji); jinnota li taħt dak il-kuntratt l-Aġenzija ħallset EUR 7,5 miljuni fl-2022; jirrikonoxxi mill-kummenti tal-Aġenzija inklużi fin-nota tat-13 ta' Novembru 2023 bit-titlu "Kwittanza 2022 - Is-sejbiet tal-ECA dwar eu-LISA. Nota qasira għall-Membri Parlamentari Ewropej" li l-kawża ewlenija tan-natura indeterminata ta' dak il-kuntratt, iffirmat fl-aħħar tal-2018, kienet il-ħtieġa li jiġi ppreservat il-finanzjament għall-interoperabbiltà EES-VIS, li għaliha l-ippjanar baġitarju, barra mill-kontroll tal-Aġenzija, inbidel b'mod sinifikanti. mill-adozzjoni attwali tal-leġiżlazzjoni rilevanti; jinnota li mingħajr dak il-kuntratt, l-ammont assoċjat, meħtieġ għall-interoperabbiltà, kien jintilef; jinnota mit-tweġiba tal-Aġenzija għall-osservazzjoni tal-Qorti l-miżuri korrettivi li l-Aġenzija ħadet permezz ta' emenda għal dak il-kuntratt li biha ġiet miżjuda deskrizzjoni aktar dettaljata tas-servizzi pprovduti; jinnota li l-Aġenzija ma estendietx dak il-kuntratt, li skada fl-2022; ifakkar f'dan il-kuntest li d-dewmien fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' atti legali rilevanti huma fatturi ewlenin biex jiġi ddeterminat il-livell ta' dettall u preċiżjoni li l-Aġenzija tkun kapaċi toffri meta inizjalment tistabbilixxi kuntratti qafas; jinnota mir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija l-opinjoni li t-tqassir tal-preparazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni jkollu impatt dirett fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tippjana aħjar l-akkwist tagħha u tillimita l-bidliet kuntrattwali;

22. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Aġenzija użat proċedura nnegozjata biex tagħti kuntratt, mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt; jinnota li l-Aġenzija ġġustifikat din id-deċiżjoni għal raġunijiet ta' urġenza estrema, kontra l-parir tas-servizzi legali u tal-akkwist tal-Aġenzija; jinnota r-raġunijiet tal-Qorti għaliex l-użu ta' dik il-proċedura ma kienx iġġustifikat; jinnota madankollu t-tweġiba tal-Aġenzija li riskju ta' diskrepanza ta' manutenzjoni ta' diversi xhur kien jimmaterjalizza minħabba li l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-programm EES inbidlu formalment fi stadju aktar tard u ż-żmien ġenerali meħtieġ għall-għoti tal-kuntratt u għat-tranżizzjoni għal kuntrattur ġdid kien stmat li jkun ta' mill-inqas tmien xhur; iqis f'dan il-kuntest li l-approċċ tal-Aġenzija kien wieħed sensibbli; jinnota mit-tweġiba tal-Aġenzija li l-kuntratt mogħti sadattant skada;

23. Jinnota wkoll mir-rapport tal-Qorti żewġ osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Aġenzija; jinnota l-ewwel osservazzjoni fir-rigward tal-akkwist ta' hardware (EUR 27,7 miljun) li għalih ma nkisbux il-listi tal-prezzijiet tal-bejjiegħa tal-hardware u ma sarux kontrolli ex-ante; jinnota t-tieni osservazzjoni fir-rigward tal-akkwist ta' kuntratt qafas ta' operazzjonijiet trasversali (valur stmat ta' EUR 490 miljun) billi għal sitt laqgħat tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma kinux inżammu rekords tal-laqgħat u r-rapport finali biss ġie ffirmat bl-idejn; jistieden lill-Aġenzija ttejjeb is-sistemi ta' kontroll intern tagħha biex tevita tali nuqqasijiet fil-futur;

24. Jinnota li l-Aġenzija għandha tmien osservazzjonijiet mir-rapporti tas-snin preċedenti tal-Qorti (2017, 2018 u 2021) bi status "miftuħa"; iħeġġeġ lill-Aġenzija tagħlaq dawk l-osservazzjonijiet mingħajr dewmien u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress imwettaq f'dan ir-rigward;

Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

25. Jinnota li l-Aġenzija implimentat deċiżjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess għall-persunal tagħha u dwar l-attivitajiet esterni matul u wara s-servizz tal-Aġenzija; jilqa' l-fatt li l-membri kollha tal-persunal iridu jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' interess darba kull sentejn, bl-eċċezzjoni tal-membri tal-persunal involuti f'ċirkwiti finanzjarji u l-persunal f'pożizzjonijiet ta' ġestjoni għolja li jridu jissottomettu tali dikjarazzjonijiet kull sena; jinnota wkoll li l-persunal kollu tal-Aġenzija għandu l-obbligu li jissottometti wkoll tali dikjarazzjonijiet fi kwalunkwe ħin meta tinbidel is-sitwazzjoni; jinnota li l-Aġenzija tippubblika fuq is-sit web tagħha d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-persunal f'pożizzjonijiet ta' ġestjoni għolja; jilqa' l-fatt li mill-2022, kemm id-dikjarazzjonijiet ta' interess kif ukoll is-CVs tal-membri tal-bord ta' ġestjoni u s-sostituti tagħhom jiġu ppubblikati;

26. Jinnota li f'Marzu 2022, l-Aġenzija adottat il-linji gwida riveduti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li fl-2022 żiedet iċ-ċarezza u l-viżibbiltà tal-kanali ta' komunikazzjoni separati disponibbli għall-persunal, bħal konsulenti kunfidenzjali jew għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta; jilqa' wkoll l-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti; jilqa' d-dħul fis-seħħ minn Settembru 2022 tad-deċiżjoni tal-Aġenzija 09/08/2022 li tistabbilixxi reġistru ta' trasparenza li bih il-laqgħat bejn il-maniġment superjuri tal-Aġenzija u l-operaturi ekonomiċi jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija;

Kontroll intern

27. Jirrikonoxxi l-importanza ta' verifiki esterni dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-data biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tal-Aġenzija; jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija segwiet kontinwament ir-rakkomandazzjonijiet ta' implimentazzjoni identifikati fil-verifiki mwettqa mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) dwar is-SIS, il-VIS u l-Eurodac; jinnota li, fl-2022, saret spezzjoni ġdida tal-EPDS fuq Eurodac, VIS u SIS II, filwaqt li l-awditjar iffoka fuq il-governanza ġenerali tas-sigurtà tal-IT, l-inċidenti tas-sigurtà u l-ksur ta' data u l-metodoloġija u l-prattiki għall-iżvilupp u l-ittestjar sikur tas-sistemi, li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-kontroll tal-aċċess fl-ambjenti differenti; jieħu nota mir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija li l-istatus tal-awditjar tal-KEPD tal-2018 dwar il-VIS u s-SIS huwa "lest" peress li t-43 rakkomandazzjoni kollha tlestew, filwaqt li l-istatus tal-awditjar tal-KEPD tal-2019 dwar il-Eurodac huwa "parzjalment implimentat" bi 23 rakkomandazzjoni lesta minn 29;

28. Jilqa' l-awtovalutazzjoni annwali tal-Aġenzija tas-sistema ta' kontroll intern tagħha fl-2022 li tirriżulta f'81 % tal-kriterji ta' monitoraġġ tal-kontroll intern tal-Aġenzija jintlaħqu jew jintlaħqu parzjalment; jinnota li l-konklużjoni ta' dik il-valutazzjoni hija li s-sistema ta' kontroll intern hija preżenti, taħdem u hija effettiva, għalkemm hemm bżonn xi titjib fir-rigward ta', pereżempju, l-infurzar tar-responsabbiltà, il-kontrolli ex-ante u l-ġestjoni tal-kuntratti, fost oħrajn; jinnota li defiċjenza kbira fuq il-prinċipju 10 "Jagħżel u jiżviluppa attivitajiet ta' kontroll" taħt il-komponent "Attivitajiet ta' kontroll" tippersisti għat-tielet sena konsekuttiva; jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-kontrolli tagħha dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni bir-reviżjoni tal-politika ta' preservazzjoni fit-tul tad-dokumenti u l-proċeduri ta' preservazzjoni tad-dokumenti tal-Aġenzija, u bl-adozzjoni ta' Linji Gwida dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas id-dgħufijiet fil-qasam tal-attivitajiet ta' kontroll sabiex ittaffi r-riskji relatati mal-ksib ta' politiki, objettivi operattivi u ta' kontroll intern;

29. Jinnota li fi tmiem l-2022 ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li ġejjin minn diversi korpi ta' awditjar u investigattivi kienet ta' 63 % b'20 rakkomandazzjoni implimentati minn 32 rakkomandazzjoni dovuti (12-il rakkomandazzjoni kienu qabżu d-data ta' skadenza); jinnota li fi tmiem l-2022 b'kollox kien hemm 33 rakkomandazzjoni miftuħa, li minnhom ltlieta kienu kritiċi; jistieden lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar;

30. Jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija talbet lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) biex jivvaluta żewġ każijiet ta' allegata frodi fi proċeduri ta' reklutaġġ u każ wieħed tal-eżistenza possibbli ta' attivitajiet frawdolenti min-naħa ta' membru tal-persunal; jinnota li, bi tweġiba għat-tliet talbiet kollha, l-OLAF iddeċieda li ma jiftaħx każ ta' investigazzjoni; jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija indirizzat rakkomandazzjonijiet minn investigazzjonijiet tal-OLAF relatati mal-każijiet OC/2020/0441-A2 u OC/2017/1121/A2; jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Aġenzija 2022-2024 flimkien ma' pjan ta' azzjoni li jinkludi 12-il azzjoni;

Oħrajn

31. Jinnota li fl-2022 l-Aġenzija kienet iffukata fuq li tiżgura l-viżibbiltà tal-kisbiet tal-Aġenzija u żżid l-għarfien pubbliku dwar ir-rwol tagħha biex taqdi l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni u tagħti servizzi tal-IT lill-partijiet ikkonċernati tagħha; ifaħħar f'dan il-kuntest lill-Aġenzija għat-tlestija tal-portal online l-ġdid tagħha "Discover eu-LISA 2.0" li jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati b'ħarsa ġenerali aġġornata dwar il-kompiti ewlenin u l-oqsma tan-negozju tal-Aġenzija u għall-pubblikazzjoni ta' ktejjeb speċjali biex ifakkar l-10 anniversarju tagħha, b'din tal-aħħar tkun ikkaratterizzata mill-organizzazzjoni, b'kooperazzjoni mal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill, tal-konferenza annwali tal-Aġenzija "10 Snin bħala l-Qalb Diġitali ta' Schengen" li tospita 20 kelliem u terġa' tlaqqa' 388 parteċipant; ifaħħar lill-Aġenzija talli fl-2022 irċeviet il-Premju Soċjali Forbes għall-inizjattivi innovattivi u ta' ispirazzjoni tagħha fil-qasam tal-komunikazzjoni pubblika, li tispikka għall-vokazzjoni etika qawwija tagħha u l-użu tagħha ta' strateġiji, tekniki u għodod ta' komunikazzjoni innovattivi; jinnota t-titjib tal-metriċi tal-media soċjali tal-Aġenzija fl-2022;

32. Jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija adottat għadd kbir ta' pjanijiet ta' sigurtà u kontinwità tal-operat għas-sistemi tan-negozju ewlenin tagħha, sabiex tiggarantixxi livell ogħla ta' ċibersigurtà u reżiljenza meħtieġa bl-istrumenti legali u organizzat eżerċizzju ta' ċibersigurtà biex tivverifika l-effettività tal-miżuri ta' sigurtà implimentati għall-protezzjoni tas-SIS ċentrali; jinnota li l-Aġenzija żiedet b'mod sostanzjali l-livell ta' monitoraġġ tas-sistemi tal-IT korporattivi konnessi mal-internet minħabba l-livell akbar ta' theddid ċibernetiku derivat mill-invażjoni illegali tal-Ukrajna mir-Russja;

°

° °

33. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' [...] 2024[2] dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

[2] Testi adottati, P9_TA(2024)0000.